# LINJI GWIDA LIVELL 4

# STUDJI SOĊJALI PRIMARJA - SNIN BIKRIN

# L-EWWEL U T-TIENI SENA

---

a) SFOND ĠENERALI GĦAS-SUĠĠETT TUL IS-SNIN TAL-PRIMARJA
b) INTRODUZZJONI GĦAS-SNIN BIKRIN
c) RAZZJONAL GĦAS-SNIN BIKRIN
d) TEMI ĠENERALI MATUL L-EWWEL U T-TIENI SENA
e) LINJI GWIDA
f) KONKLUŻJONI

| **SFOND ĠENERALI GĦAS-SUĠĠETT TUL IS-SNIN TAL-PRIMARJA:** |
|---|
| Minn perspettiva pedagoġika, it-tagħlim tal-Istudji Soċjali għandu jkun ferm aktar mit-trasmissjoni awtomatika ta' fatti u figuri. Dan is-suġġett huwa l-apprezzament ta' kif postijiet u popli twieldu, għexu u evolvew, u ta' kif il-bnedmin jirrispondu għax-xewqat u l-bżonnijiet ta' xulxin. Huwa l-iżvilupp ta' attitudni ta' rispett lejn ideat, twemmin u kulturi differenti. L-Istudji Soċjali huwa l-istudju ta' aspetti kulturali, ekonomiċi, ġeografiċi u storiċi tal-passat, il-preżent u l-futur tas-soċjetà.<br><br>Il-programm ta' l-Istudji Soċjali għall-Iskejjel Primarji Maltin, b'mod olistiku, għandu jwassal biex it-tfal jagħrfu aħjar kemm l-ambjent uman kif ukoll dak ġeografiku fl-aspetti differenti tagħhom. Iwassalhom ukoll biex jifhmu aħjar is-soċjetà Maltija fl-isfond Malti, Ewro-Mediterranju u globali, u jiksbu dawk il-ħiliet u l-attitudnijiet li jgħinuhom fil-ħajja tagħhom ta' ċittadini responsabbli f'rabta ma' ċittadini oħra f'pajjiżhom u fid-dinja.<br><br>L-istudenti għandhom jakkwistaw tagħrif dwar dak li ġara fil-passat biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar dak li għadda minnu pajjiżna. Dan it-tagħrif għandu jkun imsaħħaħ b'interpretazzjoni ta' għaliex ġara hekk fil-qedem. Dan il-programm għandu l-għan li jgħin l-istudenti jirrispettaw id-diversita`, l-ideat u d-drittijiet tal-oħrajn, japprezzaw l-ambjent naturali u storiku, u jemmnu dejjem fil-paċi u s-solidarjetà ma' l-oħrajn.<br><br>L-Istudji Soċjali, aktar minn suġġett limitat, jista' jitqies bħala għalqa wiesa ta' dixxiplini li jinkorpora fih diversi suġġetti u komponenti oħrajn. Dawn jirrelataw l-iżjed ma' u jissellfu prinċipalment minn elementi bażiċi ħafna ġejjin mill-Ġeografija, l-Istorja, l-Ekonomija, iċ-Ċivika, l-Etika, il-Filosofija, u l-Antropoloġija.<br><br>B'mod bażiku, iżda, nistgħu ngħidu li l-Istudji Soċjali, bħala punt tat-tluq, jiffoka prinċipalment fuq il-bniedem u r-relazzjonijiet tiegħu kemm ma' l-ambjent li jgħix fih, kif ukoll mal-bnedmin l-oħrajn ta' madwaru. |

## INTRODUZZJONI GĦAS-SNIN BIKRIN:

- F'dan il-livell bikri l-attivitajiet li jsiru fil-klassi għandhom ikunu ta' natura kemm jista' jkun informali u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni attiva tat-tfal, kif ukoll livell għoli ta' interazzjoni bejniethom, f'ambjent fejn it-tagħlim jiġi żviluppat permezz tal-logħob *(learning through play).* B'hekk l-istudenti għandhom iħossuhom ferm aktar motivati, komdi, siguri u liberi jipparteċipaw, f'ambjent li jinkoraġġixxi s-sens ta' kurżità naturali, u l-iżvilupp tal-immaġinazzjoni tagħhom.

- Ma hemm l-ebda ordni kronoloġiku fiss li fiha għandhom isiru dawn it-temi jew opportunitajiet ta' tagħlim provduti fis-sillabu. Tajjeb li jittieħdu spunti mill-mistoqsijiet tat-tfal stess, u l-interess li juru f'temi partikolari, fl-għażla tal-materjal li jkun ser jiġi maħdum. Dan, naturalment, jirrikjedi ċertu sens ta' osservazzjoni minn naħa tal-għalliema, flimkien ma' flessibilità.

- It-tagħlim ikun ferm aktar relevanti, kif ukoll interessanti għall-istudenti, jekk jiffoka fuq dawk l-interessi, bżonnijiet, u realtajiet tal-ħajja li jkunu l-aktar qribhom u rilevanti għall-istudenti fl-età u c-ċirkostanzi tal-ħajja tagħhom. Il-ħiliet diversi tal-istudenti għandhom ukoll jiġu meħudin f'kunsiderazzjoni *vis*-à-*vis* il-progress li jista' u jkun qiegħed isir kemm mill-grupp kif ukoll minn studenti individwali.

- Fil-livell tal-Primarja l-Istudji Soċjali, bħala suġġett, huwa żviluppat fuq tlett zoni ta' għarfien u tagħlim. Dawn huma ċ-Ċivika, il-Ġeografija u l-Istorja. Dan il-format japplika mill-ewwel sas-sitt sena tal-primarja.

- Ta' min iżomm f'moħħu li ħafna mit-temi proposti f'dawn il-linji gwida jistgħu faċilment jiġu żviluppati b'metodi li jkunu ta' natura inter-kurrikulari *(cross-curricular)* u jabbinaw sewwa ħafna mas-suġġetti l-oħrajn bħal ma huma l-Malti, l-Ingliż, ix-Xjenza, l-Arti, ir-Reliġjon, eċċ.

- Hawn qed noffru qafas ta' linji gwida u sensiela ta' ideat li l-għalliema jistgħu jutilizzaw jew jadattaw skond il-ħiliet u l-bżonnijiet tal-istudenti tagħhom. Naturalment l-għalliema jistgħu jużaw metodi u riżorsi oħrajn skond il-bżonn u c-ċirkostanzi partikolari tagħhom, tal-istudenti u tal-klassi.

## Razzjonal Snin Bikrin (Livell 4):

Il-programm tal-Istudji Soċjali għas-snin bikrin, li huwa mqassam fuq l-aspetti ta' Ċivika, Ġeografija u Storja, huwa mfassal fuq il-bażi ta' dawn il-premessi u ħsibijiet.

**a) Studji Soċjali (Komponent Ċivika):**

L-għan ġenerali fl-aspett taċ-Ċivika fl-istudji Soċjali huwa li l-istudenti jagħrfu aħjar xi wħud minn dawk il-proċessi inter-personali u intra-personali li jseħħu fl-ambjent soċjali tagħhom. Aktar milli jħarreġ lit-tfal biex jiftakru u jirriproduċu bl-amment fatti u informazzjoni, l-Istudji Soċjali għandu jagħti tagħrif korrett dwar fatti u ġrajjiet soċjali, u jħarreġ l-istudenti fil-ħiliet bażiċi bħala għodda meħtieġa għal impenn fil-ħajja tas-soċjetà, u jiżviluppa fihom attitudnijiet pożittivi.

Hawn l-istudenti jifhmu xi aspetti differenti tal-ambjent uman u japprezzaw aktar ir-rabtiet umani fir-relazzjonijiet soċjali tagħhom ma' dawk ta' madwarhom. Importanti li l-istudenti jifhmu kif huma wkoll jagħmlu parti minn grupp, jew minn istituzzjoni soċjali. Bħala ħiliet l-istudenti għandu jkollhom l-opportunita` josservaw l-ambjent soċjali immedjat tagħhom, jidentifikaw u jiddeskrivu xi karatteristiċi tiegħu, jiddeskrivu fatti soċjali sempliċi, u jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-attivitajiet tal-grupp.

Fl-iżvilupp tal-attitudnijiet tagħhom huwa importanti li l-istudenti jkunu miftuħin għad-diversita` fl-ideat u kulturi oħrajn, juru li lesti li jisimgħu u jirrispettaw l-ideat ta' l-ħaddieħor, u jkunu lesti li jesprimu ideat personali mingħajr ma jweġġgħu s-sentimenti ta' ħaddieħor. Ukoll f'età bikrija tajjeb li l-istudenti jidraw jirrispettaw id-drittijiet ta' l-oħrajn u jkollhom sens ta' ġustizzja fir-relazzjonijiet tagħhom fil-grupp.

**b) Studji Soċjali (Komponent tal-Ġeografija):**

Il-programm ta' l-Istudji Soċjali (Ġeografija) għas-snin bikrin għandu jwassal biex it-tfal jagħrfu aħjar l-ambjent ġeografiku ta' madwarhom, fl-aspetti differenti tiegħu. Huma jiskopru tagħrif bażiku dwar postijiet u nħawi li jgħixu fihom. Jiżviluppaw apprezzament bażiku tar-relazzjonijiet li jseħħu bejn attivitajiet umani u proċessi fiżiċi, li jinkludu fatturi li bihom is-soċjetà tinfluwenza l-kundizzjonijiet ambjentali u viċi-versa.

Jiżviluppaw ukoll ħiliet li bihom ikunu kapaċi jesprimu ruħhom oralment, artistikament, u f'xi każi anke b'kitba sempliċi, dwar temi ġeografiċi billi jagħrfu jiddeskrivu, u jinnutaw il-qbil u d-differenzi bażiċi bejn xi forom u elementi ġeografiċi partikolari.

Dawn l-opportunitajiet ta' tagħlim għandhom irawwmu fost it-tfal imħabba u rispett lejn l-ambjent ġeografiku tagħhom, filwaqt li jgħinuhom jiksbu l-ħiliet u l-attitudnijiet li jinħtieġu fil-ħajja tagħhom ta' ċittadini attivi u responsabbli. Dan kollu jista' jgħin fit-trawwim fost it-tfal minn età bikrija ta' kultura dinamika u kreattivi favur ambjent aħjar fl-oqsma msemmijin hawn fuq.

**ċ) Studji Soċjali (Komponent Storja):**

L-istudenti għandhom jakkwistaw tagħrif sempliċi ħafna dwar dak li ġara fil-passat, mhux biex jiftakru u jirriproduċu dan it-tagħrif bl-amment, iżda biex ikunu jistgħu jifhmu aħjar l-istil ta' ħajja u dak li għaddew minnu dawk li ġew qabilna.

L-istudenti għandu jkollhom opportunitajiet ta' tagħlim biex huma jiżviluppaw ħiliet bażiċi partikolari fl-istorja bħal: li jibdew jifhmu t-tibdil u l-kontinwità matul iż-żminijiet, jibdew jiżviluppaw idea ta' kronoloġija, u jibdew ikunu kapaċi jimmaġinaw lilhom infushom jgħixu fi żminijiet passati (empatija).

B'użu ta' diversi riżorsi edukattivi, it-tfal għandhom jiddistingwu bejn il-preżent u l-passat fil-ħajja tagħhom u ta' nies oħra, u jkunu kapaċi jirrakkontaw stejjer sempliċi. It-tfal għandhom jibdew jifhmu x'inhi kronoloġija billi jpoġġu xi ftit ġrajjiet wara xulxin u jibdew jużaw terminoloġija sempliċi fuq iż-żmien. Għandhom jiżviluppaw il-kapaċità li jakkwistaw informazzjoni sempliċi minn diversi tipi ta' evidenza bħal stampi u ritratti.

It-tfal għandhom jibdew jifhmu li ħajjithom hija differenti ħafna mill-ħajja ta' nies l-oħrajn li għexu qabilna fil-passat. Dan jista' jwassal biex huma jkunu kapaċi jaslu għal elementi sempliċi ta' empatija u jibdew jimmaġinaw x'kienu xi wħud mir-realtajiet u r-reazzjonijiet differenti tan-nies fil-passat.

| | |
|---|---|
| | **TEMI ĠENERALI - LIVELL 4 (L-Ewwel u t-Tieni Sena Primarja)** |
| | **ĊIVIKA (L-ewwel u t-tieni sena)** |
| **Tema 1** | **Id-dar u l-Iskola.**<br>*Napprezzaw li aħna lkoll uniċi, u naraw kif nistgħu napprezzaw il-ħajja ta' madwarna bl-użu tas-sensi. Naraw x'nosservaw l-istess u x'nosservaw differenti fid-djar u fil-klassijiet tagħna. Napprezzaw l-importanza tal-oħrajn (il-persuni l-oħra) f'ħajjitna.* |
| **Tema 2** | **Madwarna.**<br>*Nesploraw l-ambjent ta' madwarna, l-iktar l-iskola u l-postijiet pubbliċi tal-inħawi fejn noqogħdu, u l-karatteristiċi li jagħmlu l-ambjent ta' madwarna wieħed uniku.* |
| | **ĠEOGRAFIJA (L-ewwel u t-tieni sena)** |
| **Tema 1** | **L-Ambjent Madwar l-Iskola.**<br>*Nosservaw il-fatturi fiżiċi li naraw fil-klassi, fl-iskola u fil-postijiet pubbliċi li nsibu madwar l-iskola. Nagħrfu l-karatteristiċi umani li nistgħu nosservaw ġo u madwar l-iskola. Nesploraw kif l-element uman jista' jaffettwa l-ambjent fiżiku u viċi-versa.* |
| **Tema 2** | **Nesploraw il-lokalità fejn ngħixu.**<br>*Nesploraw il-postijiet pubbliċi u nidentifikaw il-fatturi fiżiċi tal-ambjent fejn noqogħdu u nidentifikaw l-element uman fil-lokalità tagħna. Nesploraw modi kif il-bniedem jikkontrolla l-ambjent kif ukoll jadatta ruħu għalih.* |
| | **STORJA (L-ewwel u t-tieni sena)** |
| **Tema 1** | **Jien u l-Persuni Qrib Tiegħi.**<br>*Nagħrfu l-eżistenza tal-preżent u l-passat fil-ħajja tagħna. Nesploraw il-passat b'metodi kemm orali kif ukoll viżwali, b'referenza għall-ħajja tal-istudenti nfushom, u għall-ħajja tal-persuni qrib tagħhom.* |
| **Tema 2** | **Ejja Nilagħbu.**<br>*Nagħrfu aspetti ħfief ta' bidla u kontinwità fl-istorja billi nesploraw u nqabblu l-ġugarelli tal-lum mal-ġugarelli ta' dari, u nagħmlu referenza għal xi logħob tradizzjonali Malti.* |

| IS-SNIN BIKRIN (LIVELL 4) – LINJI GWIDA. | |
|---|---|
| **CIVIKA (LIVELL 4)** | **OPPORTUNITAJIET TA' TAGĦLIM:** |
| **TEMA Ċ1:** 'Id-dar u l-Iskola' | • Napprezzaw li aħna lkoll uniċi u nistgħu napprezzaw il-ħajja ta' madwarna bl-użu tas-sensi tagħna.<br>• Naraw x'nosservaw l-istess, u x'nosservaw differenti bejn id-djar u l-klassijiet jew l-iskola tagħna.<br>• Inħarsu lejn l-importanza tal-oħrajn (il-persuni l-oħrajn) f'ħajjitna.<br>• L-importanza li xi persuni, li niltaqgħu magħhom id-dar u l-iskola, għandhom f'ħajjitna. Għaliex huma importanti?<br>• F'ħajjitna, ċerti affarijiet għandna nagħmluhom, filwaqt li hemm affarijiet oħrajn li għandna nagħmlu minn kollox biex nevitawhom. Għaliex? |
| **TEMA Ċ2:** 'Madwarna' | • Nikklassifikaw il-postijiet li naraw madwarna bħala PUBBLIĊI jew PRIVATI.<br>• Inħarsu lejn l-iskola bħala minjatura ta' dak li huwa pubbliku u dak li hu privat.<br>• Nitgħallmu kif postijiet pubbliċi u postijiet privati, kollha għandhom ir-regoli ta' tmexxija tagħhom.<br>• Naraw kif għandha tkun l-imġiba tajba fil-postijiet pubbliċi.<br>• Nidentifikaw l-oġġetti li nsibu nixtru mill-inħawi qrib l-iskola, u oġġetti oħra li ma nsibux nixtru mill-inħawi ta' madwarna. |
| **ĠEOGRAFIJA (LIVELL 4)** | **OPPOTUNITAJIET TA' TAGĦLIM:** |
| **TEMA Ġ1:** 'L-Ambjent Madwar l-Iskola' | • Nagħmlu stħarriġ ġewwa l-iskola li nattendu u nsemmu l-karatteristiċi li nsibu fiha.<br>• Noħolqu modi kif nistgħu naslu f'destinazzjonijiet differenti fil-klassi u fl-iskola tagħna.<br>• Ninnutaw u napprezzaw is-sbuħija tan-natura ġol-iskola tagħna u madwarha.<br>• Nitkellmu dwar il-pajsaġġ li naraw fi triqtna mid-dar għall-iskola.<br>• Ninnutaw kif aħna l-bnedmin norganizzaw l-ambjent fiżiku li ngħixu fih. |

| | |
|---|---|
| **TEMA Ġ2:** 'Nesploraw il-lokalità fejn ngħixu' | • Nagħmlu stħarriġ sempliċi tal-post *(neighbourhood)* fejn noqogħdu.<br>• Nesploraw modi sempliċi u prattiċi kif nistgħu mmorru minn post għal ieħor.<br>• L-ambjenti tipiċi Maltin: aħna f'liema wieħed ngħixu?<br>• Nidentifikaw dak li għamlet in-natura u nqabbluh ma' dak li jagħmel il-bniedem.<br>• Nosservaw kif il-bniedem juża l-art li għandu madwaru. |
| **STORJA (LIVELL 4)** | **OPPOTUNITAJIET TA' TAGĦLIM:** |
| **TEMA S 1:** 'Jien u l-Persuni Qrib Tiegħi' | • Nirrakkuntaw stejjer minn ħajjitna billi npoġġu episodji li ġraw lilna f'ordni kronoloġiku.<br>• Nitkellmu dwar iż-żminijiet meta l-ġenituri tagħna kienu għadhom tfal.<br>• Nieħdu idea ħafifa ta' progress meta, minn dak li jirrakkuntawlna l-adulti, inqabblu l-passat mal-preżent.<br>• Inqabblu stampi antiki ta' meta l-ġenituri tagħna kienu għadhom żgħar, ma' ritratti tal-preżent.<br>• Nesploraw il-passat tal-familji tagħna. |
| **TEMA S 2:** 'Ejja Nilagħbu' | • Nagħmlu lista/i tal-ġugarelli li għandna llum u nitkellmu dwarhom.<br>• Nirriċerkaw dwar il-ġugarelli ta' dari u nqabbluhom ma' dawk tal-lum.<br>• Il-logħob barra, dari u llum.<br>• Niskopru mill-ġdid kif jintlagħbu żewġ logħbiet tradizzjonali.<br>• Niskopru d-differenza bejn il-ġugarelli u l-logħob. |

## Nota Konklussiva:

Dawn il-linji gwida huma mfasslin fl-isfond ta' pedagoġija marbuta ma' prattiċi żviluppati bl-użu tal-*Emergent Curriculum.* B'mod bażiku ħafna, dan it-tip ta' kurrikulu nistgħu niddeskrivuh, fi ftit kliem, b'dan il-mod:

***Emergent curriculum*** *is a philosophy of teaching and way of planning curriculum that focuses on being responsive to children's interests to create meaningful learning experiences. ……This philosophy prioritizes active participation, relationship building, flexible and adaptable methods, inquiry, and play-based learning. Curriculum is child-initiated, collaborative and responsive to the children's needs. Proponents of this style of teaching advocate that knowledge of the children is the key to success in your program.*

(Cassidy, Mims, Rucker, & Boone, 2003; Crowther, 2005; Jones & Reynolds, 2011; MachLachlan, Fleer, & Edwards, 2013; Stacey, 2009a; Stacey, 2011b; Wein, 2008; Wright, 1997).